**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 152/2021**

**Appell Nru: 153/2021**

**Il-Pulizija**

**Spettur (Eman Hyman)**

**Vs**

**Josef Mario Friggieri**

Illum 28 ta' Lulju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant/appellat Josef Mario Friggieri detentur tal-karta tal-Identità Maltija bin-numru 593283M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-02/03/2021 għal ħabta ta' 8AM u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew ġimghat u/jew xhur ta' qabel ġewwa Birżebbuġa u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer ta' Malta b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lil ommu Mary Dolores Friggieri, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali liema delitt ikkawża offiża psikoloġika fuqha;
2. Ikkaġuna lil ommu Mary Dolores Friggieri, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà' tagħha liema delitt ikkawża offiża psikoloġika fuqha;

3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ommu Mary Dolores Friggieri, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;
4. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil ommu Mary Dolores Friggieri;
5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil ommu Mary Dolores Friggieri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-07 ta' Mejju 2021 li wara li rat l-Artikoli 251A, 251B, 251H, 251HA, 339 (1)(d), 339 (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 (a), (b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat sabitu ħati u (1) kkundannatu kumplessivament sena priġunerija effettiva u (2) ai termini ta' l-Artikolu 412 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett snin mil-lum u (3) ai termini tal-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ħarġet Ordni ta' Protezzjoni favur il-vittma Maria Dolores Friggieri għal żmien sena li tibda tiddekorri wara li l-imputat jiskonta s-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali, ppreżentat fis-27 ta' Mejju 2021, fejn talab lil din l-Qorti:

1. Tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u bla effett, tirrevokaha u ai termini tal-art. 428(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li l-atti jintbagħtu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tkompli tipproċedi mill-ġdid skont il-liġi kontra l-appellat li għandu jitqiegħed fil-pożizzjoni li kien qabel l-għoti tas-sentenza appellata.
2. Sussidjarjament u fil-każ biss li l-Qorti jidhrilha li m'għandhiex tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li
   i. Tikkonfermaha biss fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;
   ii. Tħassarha f'dik il-parti konċernati l-erogazzjoni tal-piena ta' sena priġunerija effettiva u minflok għar-raġunijiet premessi tgħaddi biex teroga l-piena idoneja komplessiva kontra tiegħu skont il-liġi;
   iii. Tirriformaha fil-parti fejn kwotat l-art.412 tal-Kodiċi Kriminali bħala dak li jirregola l-Ordnijiet ta' Trattament u minflok tikkwota l-art. 412D tal-Kodiċi Kriminali bħala dak li jirregola l-Ordni ta' Trattament u
   iv. Tħassarha f'dik il-parti li ħarġet Ordni ta' Protezzjoni favur il-vittma Maria Dolores Friggieri ai termini tal-art. 412C tal-Kodiċi Kriminali u

minflok tordna li tinħareġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-appellat ai termini tal-art. 382A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ir-rikors ta'l-appell tal-imputat Josef Mario Friggieri ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell minnu interpost, tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati ta'l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u kif ukoll tikkonferma d-*decide* dwar l-ispejjez tal-esperti, tvarja l-piena inflitta billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-fatti speċi tal-kaz.

Rat il-verbal tas-seduta tat-02 ta' Lulju 2021, fejn il-partijiet qabblu li qabel xejn il-Qorti kellha tgħaddi għas-sentenza fuq l-ewwel aggravju imqanqal mill-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni, limitatament fuq l-ewwel aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat:**

Illi kemm l-imputat kif ukoll l-Avukat Ġenerali ħassewhom aggravati bis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, bl-Avukat Ġenerali preliminarjament jissolleva l-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata u sussidjarjament jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx konformi mal-liġi. L-imputat minn naħa l-

oħra jargumenta illi l-piena inflitta fuqu kienet waħda wisq oneruża u għalhekk qed jitlob mitigazzjoni fl-istess.

Illi l-Qorti madanakollu l-ewwel u qabel kollox trid neċessarjament tiddetermina l-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali, li qed jinvoka in-nullita' tas-sentenza appellata, qabel ma tinoltra ruħha fl-aggravji l-oħra imqanqla miż-żewġ partijiet f'din il-vertenza. Issa minn qari tal-ewwel aggravju intentat mill-appellant Avukat Ġenerali jidher li dak li qed jilmenta dwaru mhuwiex daqstant xi difett formali fis-sentenza appellata, iżda illi l-Ewwel Qorti ma segwietx il-proċedura idoneju, u skont il-liġi, meta erronejament irradikat lilha nnifisha kompetenza u ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi u taqta' l-każ hi, wara li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet lilu addebitati. Jisħaq l-Avukat Ġenerali illi ġaladarba ir-reati addebitati lill-imputat kienu iġorru piena li teċċedi it-tnax-il sena priġunerija, allura l-Ewwel Qorti kellha issegwi il-proċedura maħsuba fl-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali u mhux dik imfassal fl-artikolu 392A, kif fil-fatt għamlet.

Illi minn eżami tal-atti processwali jirrizulta illi l-imputat Josef Mario Friggieri ġie mixli bir-reat tal-fastidju kif ukoll tal-biza ta' vjolenza, jew 'l hekk imsejjaħ *harassment* kif maħsub fl-artikoli 251A u 251B tal-Kodiċi Kriminali u dan bl-aggravanti li huma enkapsolati fl-artikoli 251H u 251HA . Flimkien ma' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat kellu iwieġeb ukoll għar-reati kontravvenzjonali tat-theddid u inġurja kif imfassal fl-artikoli 339(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 9 u finalment ukoll għar-reat dwar l-użu mhux xieraq ta' apparat ta' komunikazzjoni elettroniku li jitkellem dwaru l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa għalkemm kull wieħed minn dawn ir-reati huwa ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati, billi l-ebda wieħed minnhom ma jġorr piena li teċċedi il-perijodu ta' sentejn priġunerija, madanakollu l-imputat tressaq biex iwieġeb għal dawn l-akkużi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, x'aktarx billi dawn ir-reati kien aggravati kif maħsub fl-artikoli 202, 251H u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, bl-Ewwel Qorti għalhekk tipproċedi bil-kumpilazzjoni kif imfassal fl-artikoli 401 *et seq*..

Illi l-Ewwel Qorti għaddiet għad-digriet tal-*prima facie* meta qieset li kien hemm biżżejjed provi biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta'akkuża u dan b'digriet tat-22 ta' Marzu 2021. Wara dan l-atti jiġu rinvijati lill Avukat Ġenerali li jerġa' jibagħthom lura b'rinviju datat 21 ta' April 2021. Fis-seduta quddiem il-Qorti Istruttorja, imbagħad tat-30 ta' April 2021, l-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha u l-kawża titħalla għas-sentenza ghas-07 ta' Mejju 2021. F'din l-udjenza l-Ewwel Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi ta'l-ammissjoni tiegħu, u huwa jerġa itenni din l-ammissjoni, u għalhekk il-Qorti tgħaddi għas-sentenza u dan bis-setgħa mogħtija lilha bl-artiklu 392A tal-Kodiċi Kriminali.

L-Avukat Ġenerali, iżda, isostni illi din il-proċedura ma setax tiġi segwita u dan billi kif igħid *verbatim* fir-rikors ta'l-appell tiegħu, "ir-reati li bihom kien akkużat l-appellat kienu **potenzjalment soġġetti għal piena ta' aktar minn tnax-il sena priġunerija**." U wara dan igħaddi għal sensiela ta' kalkoli li jwasslu sabiex il-piena għar-reat ewlieni li bih ġie mixli l-imputat u ċioe' ir-reat imfassal fl-artikolu 251A tal-Kap.9 titla' għal dik ta' għoxrin sena priġunerija. Dan għaliex fil-fehma tal-Avukat Ġenerali l-piena tista' tiżdied b'seba' gradi minħabba fiċ-ċirkostanzi aggravanti!

Ikkunsidrat;

Issa l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati hija irradikata b'dak dispost fl-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, bl-artikoli 370(2) u 371 jistabbilixxu dawk ir-regoli li għandhom jiġu segwiti għalbiex dik il-kompetenza tiġi stabbilita:

> **370(2) Ir-reati msemmijin fis-subartikolu (1) jibqgħu ta'kompetenza tal-qorti fuq imsemmija għad illi, minħabba l-konkors ta' reati u ta' pieni, minħabba r-reċidiva jew minħabba l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18, ikun hemm lok li tingħata piena akbar minn dawk imsemmijin f'dak is-subartikolu.**
>
> **371.(1) Sabiex tiġi stabbilita l-kompetenza, għandu jittieħed qies tar-reat miġjub fl-akkuża u mhux taċ-ċirkostanzi li jnaqqsuh, ukoll jekk, minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, l-imputat m'għandux jeħel piena, jew jista' jkun hemm lok għall-mogħdija minn piena iżjed gravi għal piena oħra anqas gravi. F'dan il-każ igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 389 u dawk ta' warajh.**

Illi dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi għandhom jiġu segwiti mill-Qorti tal-Maġistrati fl-Istruttorja meta quddiemha tiġi reġistrata ammissjoni mill-persuna imputata b'xi reat li jeċċedi l-kompetenza oriġinali tagħha, iżda ma jeċċedix it-tnax-il sena priġunerija, meta allura dik il-Qorti għandha tikkonverti ruħha f'qorti ta' ġudikatura kriminali u tgħaddi għas-sentenza.

**392A. (1) Jekk l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b) u fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suġġett għal piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha.**

**(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, jekk l-akkużat jibqa' jtenni fit-tweġiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat, din it-tweġiba għandha tiġi rreġistrata, u il-Qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat u tordna li l-atti, flimkien ma' kopja tas-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol**

**.....**

**(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 370(2) u tal-artikolu 371 għandhom mutatis mutandis japplikaw għal proċeduri taħt dan l-artikolu dwar reat li għalih japplika s-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu**

Illi minn qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi, allura, fil-kalkolazzjoni tal-piena, u dan bil-għan li jiġi stabbilit liema qorti għandha kompetenza tisma' u titratta l-każ, ma għandux jittieħed kont ta' xi żieda fil-piena minħabba (i) konkors ta' reati u pieni, (ii) reċidiva, u (iii) l-kontinwita' tar-reat kif maħsub fl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas ma għandu jittieħed kont ta' dawk iċ-ċirkostanzi li għal xi raġuni inaqqsu l-piena jew li jirrendu r-reat anqas gravi. Dan ifisser allura illi sabiex tiġi stabbilita l-kompetenza tal-qorti għandu jittieħed kont ta' dawk iċ-ċirkostanzi aggravanti imputati fl-akkuża u li allura jwasslu għal żieda fil-piena. U sa hawn l-Avukat Ġenerali għandu raġun. Il-Qorti madanakollu ma tistax taqbel mal-mod kif din iż-żieda ġiet stabbilita mill-appellant Avukat Ġenerali u dan għaliex ma hemmx dawk

iċ-ċirkostanzi aggravanti li jwasslu sabiex il-piena għar-reat imputat lill-appellat/appellant fl-ewwel imputazzjoni teċċedi it-tnax-il sena priġunerija.

Illi r-reat tal-fastidju kif imfassal fl-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali igorr piena ta' priġunerija ta' bejn sitt xhur u sentejn u/jew il-multa ta' bejn €5000 u €10000. Illi minn qari tal-akkużi addebitati lill-imputat, jirriżultaw żewġ ċirkostanzi aggravanti li dwarhom l-imputat irreġistra ammissjoni u ċioe' illi r-reat ġie kommess fil-konfront ta' ommu, u ukoll li l-istess ikkawża ħsara psikoloġika, aggravji li huma imfassla fl-artikoli 251H(h) u 251HA abbinat ma'l-artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali, f'liema każijiet il-piena għandha tiżdied minn grad sa tnejn. Iżda l-Avukat Ġenerali għal fatt stabbilit illi r-reat seħħ kontra ġenitur, u cioe' f'dan il-każ omm l-imputat, qiegħed jippretendi illi din iċ-ċirkostanzi aggravanti għandha tissarraf f'żieda fil-piena għal tlett darbiet (sa massimu ta' hames gradi) u ċioe' taħt il-*proviso* għall-artikolu 251A[1] tal-Kodiċi Kriminali, imbagħad taħt dak dispost fl-artikolu 251H(a) u dan għaliex l-imputat kien jirrisjedi ma' ommu, u finalment taħt l-artikolu 251HA[2] , apparti iż-żieda bi grad sa tnejn għaċ-ċirkostanza aggravanti taħt is-sub-inciz (h) għall-artikou 251H, biex b'hekk l-Avukat Ġenerali qed jippretendi li reat oriġinali li igorr piena massima ta' sentejn priġunerija ftit ftit jwassal għal piena ta' ghoxrin sena ħabs!

Illi l-Qorti tqies illi il-kalkolazzjoni tal-piena kif magħmula mill-Avukat Ġenerali ma hijiex konformi mal-liġi. Fil-fatt l-artikolu 251HA iħares milli dan iseħħ billi jistabbilixxi li fejn jirriżultaw imsemmija f'xi band'oħra fil-Kodiċi l-istess ċirkostanzi aggravanti għandha tingħata biss dik il-piena l-aktar gravi u mhux għal kull dispożizzjoni tal-liġi il-piena tiżdied minn grad sa tnejn! Illi allura l-ogħla piena li tista' tiġi mogħtija għar-reat maħsub taħt l-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali b'dawn iż-żewġ ċirkostanzi aggravanti ċertament fil-massimu tagħha żgur li ma teċċediex is-sitt snin priġunerija. L-istess jista' jingħad għar-reat maħsub fl-artikolu 251B li ukoll lanqas ma jeċċedi is-sitt snin priġunerija fil-massimu bl-istess ċirkostanzi aggravanti. Finalment il-Qorti terġa' tiġbed l-attenzjoni ta'l-Avukat Ġenerali illi sabiex tiġi

[1] Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1)

[2] Il-piena stabbilita għad-delitti msemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull każ imsemmi fl-artikolu 202, meta u kif applikabbli, iżda fejn dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra diġà tipprovdi għal aggravju tal-piena fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, l-ogħla piena tista' tiġi mogħtija.

stabbilita l-kompetenza tal-qorti, ma jitteħidtx kont tal-konkors ta' reati u pieni kif donnu qiegħed jissuġġerixxi li kellha tagħmel il-Qorti f'dan l-aggravju minnu ntentat. Huwa indubitat illi l-kalkolu magħmul mill-Avukat Ġenerali huwa għal kollox erronju, u mhux skont il-liġi, sabiex għalhekk ma hemmx dubbju li l-Ewwel Qorti segwiet dik il-proċedura maħsuba fil-liġi għar-reati addebitati lill-imputat Josef Friggieri meta dan għażel li jammetti għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Għal dawn il-motivi għalhekk il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali u tordna il-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell fir-rigward tal-aggravji rimanenti.

Edwina Grima

Imħallef.